**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 31 ta` Ottubru 2019**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 79/2019 JZM**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Numru : 96/2019 fl-ismijiet :**

**Kummissarju tat-Taxxi**

***kontra***

**David Agius (ID 498149M) f`ismu personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Hollywood Caterers Limited (C57867)**

**ipprezentata fl-10 ta` Jannar 2019**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fid-29 ta` Jannar 2019 li jaqra hekk :–

*Illi fl-10 ta` Jannar 2019 giet ipprezentata ittra ufficjali fl-ismijiet premessi li permezz taghha l-mittent Kummissarju tat-Taxxi interpella lill-esponenti David Agius proprio et nomine sabiex ihallas is-somma ta` tmienja u erbghin elf, disa` mija u ghaxar Euro u wiehed u hamsin Euro centezmi (€48,910.51) rapprezentanti ammont allegatament dovut mill-esponent proprio et nomine bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont l-Att XXIII tal-1998.*

*Illi l-esponent proprio et nomine jixtieq jopponi din it-talba ghall-hlas billi l-esponent proprio et nomine ma huwiex qieghed jaqbel mal-ammont reklamat u mitlub.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess u ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponent rikorrent proprio et nomine umilment jitlob illi t-talba ghall-hlas tal-ammont reklamat u mitlub fl-imsemmija ittra ufficjali tigi dikjarata bhala wahda nfondata u konsegwentement rigetata u dan bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta pprezentata fil-5 ta` Marzu 2019 li tghid :-

*1. Illi b`mod preliminari, ir-rikors promotur huwa null in kwantu ma sarx fil-forma ta` rikors mahluf kif titlob il-ligi. F`dan ir-rigward issir referenza inter alia ghas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet "Outwest Limited vs il-Kummissarju tat-Taxxi" (994/2016 JRM) deciza nhar is-27 ta` Marzu 2018).*

*2. Illi wkoll b`mod preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex il-poter sabiex tissindaka jew tindaga dwar l-ammont dovut lill-esponenti in kwantu tali ammont hu dovut bis-sahha ta` titolu ezekuttiv li l-esponenti gia` ghandu fil-konfront tar-rikorrenti pro et noe ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta` Malta,*

*filwaqt li l-ittra ufficjali in kwistjoni bin-numru 96/2019 hi ntiza biss li tirrendi ezegwibbli l-istess titolu ezekuttiv li ghandu l-esponenti.*

*3. Illi t-titolu ezekuttiv li ghandu favur tieghu l-esponenti jikkonsisti fl-avviz mibghut u notifikat lir-rikorrenti nhar it-3 ta` Marzu 2018 ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta` Malta, filwaqt li l-ittra ufficjali msemmija, kif gia` inghad, hija ntiza biss sabiex tirrendi ezegwibbli tali titolu ezekuttiv.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll b`mod preliminari, dejjem bid-dovut rispett, fi kwalunkwe kaz din l-Onorabbli Qorti mhix il-forum kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammont pretiz huwiex dovut o meno in kwantu huwa biss it-Tribunal ta` Revizjoni Amministrattiva li ghandu l-poter sabiex jiddetermina l-istess u dan ai termini tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti segwa u agixxa skont id-dettami tal-ligi u cioe` l-procedura kkontemplata fil-Kap. 406 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex ottjena t-titolu ezekuttiv favur tieghu, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors.*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, gia la darba ma saret l-ebda kontestazzjoni ghall-ammont dovut mir-rikorrenti pro et noe fit-termini moghtija fil-ligi, ma tista` ssir l-ebda kontestazzjoni f`dan l-istadju dwar l-istess ammont dovut lill-esponenti.*

*7. Illi ghalhekk, gia la darba r-rikorrenti pro et noe kellu l-opportunita` li jikkontesta l-ammont dovut pero` ghazel li jibqa` sieket, ma jistax jikkontesta l-ammont dovuti f`dan l-istadju meta l-esponenti ghandu f`idu titolu ezekuttiv rez ezegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti pro et noe.*

*8. Illi ghalhekk, l-ammont indikat fl-ittra ufficjali in kwistjoni hu dovut mir-rikorrenti pro et noe lill-esponenti.*

*9. Illi ghaldaqstant it-talba rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti pro et noe.*

Rat il-lista tax-xhieda pprezentati mar-risposta.

Rat il-verbali tal-udjenzi tar-rikors, in partikolari dak tal-udjenza tat-13 ta` Gunju 2019.

Rat illi l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari, bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li pprezenta l-Kummissarju tat-Taxxi.

Rat illi r-rikorrent David Agius pro et noe baqa` ma pprezentax nota ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti ohra.

**Ikkunsidrat :**

Fis-seduta tat-13 ta` Gunju 2019, wara li l-avukati tal-partijiet ikkostataw li l-ewwel eccezzjoni kienet tirrigwarda punt ta` dritt, qablu li ma kienx hemm bzonn li jitressqu provi fir-rigward. Ghalhekk il-Qorti akkordat lill-partijiet zmien sabiex jipprezentaw noti tal-osservazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni qabel taghti d-decizjoni taghha. Jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi pprezenta nota ta` osservazzjonijiet mentri r-rikorrent ma pprezentax nota.

**Ikkunsidrat :**

Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, il-Kummissarju tat-Taxxi rrileva li skont l-Art. 161 tal-Kap. 12, il-procediment ordinarju jesigi li jsir permezz ta` rikors guramentat. L-Art. 59 tal-Kap. 406 ma jahsibx li l-ittra ufficjali tista` tigi opposta b`rikors semplici mhux guramentat ghalll-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Saret referenza ghad-decizjoni ta` din il-Qorti diversamnent presjeduta tas-27 ta` Marzu 2018 fil-kawza fl-ismijiet "**Outwest Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxi**". deciza fis-27 ta` Marzu 2018.

Tajjeb jinghad li dik is-sentenza ghadha ma saritx gudikat peress illi fis-16 ta` April 2018 kien sar appell minnha.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jkompli jissottometti li r-rikorrent, sabiex jipprova jsalva s-sitwazzjoni, iddikjara fl-udjenza tat-13 ta` Gunju 2019 li l-azzjoni tieghu kienet promossa skont l-Art. 466 tal-Kap 12.

Issir referenza ghas-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta`Mejju 2013 fil-kaz "**Joseph Vassallo pro et noe vs Il-Kummissarju tat-Taxxi**". Hemm kien deciz illi l-Art 466(2) tal-Kap 12 ma japplikax meta jkun hemm kontestazzjoni ta` ittra ufficjali prezentata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**Ikkunsidrat :**

Il-pern tal-eccezzjoni li qeghda tkun deciza llum hija jekk l-istanza promossa mir-rikorrent kellhiex ssir b`rikors guramentat inkella b`rikors semplici.

**L-Art 161 tal-Kap 12** ighid :

*(1) Fil-Qrati Superjuri u tal-Magistrati f'Malta u Ghawdex, il-procediment ordinarju jitmexxa b'rikors izda f'dawk superjuri ghandu jkun guramentat.*

*(2) Il-procedimenti jistghu jitmexxew b'rikors fil-kazijiet preskritti bi jew skont xi ligi.*

Nullita ta` rikors guramentat tista` tigi eccepita skont kif jipprovdi l-**Art 789 tal-Kap 12** li jghid :-

*(1) L-eccezzjoni ta' nullità tal-atti gudizzjarji tista' tinghata -*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-ligi espressament.*

*(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti.*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat.*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi :*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht is-subartikolu (1)(c), ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità.*

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent pro et noe qieghed jikkontesta l-ittra ufficjali de qua li pprezenta l-Kummissarju tat-Taxxi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u cioe` **l-Art 59 tal-Kap 406**.

Billi r-rikorrent jirreferi ghall-**Art. 466 tal-Kap. 12** bhala l-bazi tal-istanza tieghu, il-Qorti sejra tirreferi propju ghal din id-disposizzjoni li tghid :-

*(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rapprezentanza legali ta' korp maghqud stabbilit bil-ligi jew b'rapprezentanza legali ta' xi kumpannija jew korp iehor li jkun hekk*

*awtorizzat, bi jew taht kull ligi, sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, ikun irid jagixxi sabiex jingabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi ufficcju amministrattiv tieghu jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*

*…*

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju u ghandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata.*

*(3) Ir-rikors prezentat skont is-subartikolu (2) ghandu jigi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jipprezenta risposta fi zmien ghoxrin jum. Il-qorti tghaddi biex tappunta dak ir-rikors ghas-smiegh f'jum li jigi wara li jghaddi dak iz-zmien.*

*(4) F'kazijiet ta' xorta urgenti l-qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull zmien perentorju bhalma huwa provdut f'dan l-artikolu bil-mezz ta' digriet li jigi notifikat lill-parti l-ohra.*

Billi skont l-intimat, l-ittra ufficjali tieghu ssib fondament guridiku fl-**Art 59 tal-Kap 406**, se ssir referenza ghal din id-disposizzjoni li tghid :–

*(1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xiehda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-ghanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-hlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba ghall-hlas tkun*

*giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba ghall-hlas li ssir permezz ta' att gudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirregistra fir-registru pubbliku jew fir-registru tal-artijiet, skont il-kaz, nota ta' privilegg ghall-ammont mitlub fl-att gudizzjarju u dik in-nota ta' privilegg tista' tigi registrata minn kull avukat jew nutar."*

Tajjeb jinghad illi l-Art 59 tal-Kap 406 ghandu l-parametri tieghu, u meta osservat kif dovut, jaghti lill-att tal-Kummissarju titolu ezekuttiv. Ghax ikun titolu ezekuttiv ighoddu ghalih id-dispozizzjonijiet tal-Kap 12 minghajr eskluzjoni.

**Ikkunsidrat :**

L-ittra ufficjali nru. 96/2019 ma kenitx esebita sabiex taghmel parti mill-atti ta` dan il-procediment – la min-naha lanqas minn ohra.

Fir-rikors promotur, ir-rikorrent ma ndikax skont liema disposizzjoni kien qieghed isejjes l-istanza tieghu.

Din il-lacuna kienet kolmata mir-rikorrent wara l-intervent tal-Qorti.

Il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta li nghatat fl-20 ta` Mejju 2013 fil-kaz "**Dorothy Vassallo pro et noe vs Il-Kummissarju tat-Taxxi**"

Hemm inghad hekk :-

*i. Mill-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar 2013 hu evidenti li ma gietx prezentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12. Fl-ittra ufficjali stess l-intimat iddikjara li kienet qeghda ssir ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406.*

*ii. Id-differenza fiz-zewg kazijiet hi li taht:-*

*(a) L-Artikolu 466 tal-Kap. 12 – it-titolu ezekuttiv hi d-dikjarazzjoni guramentata li jaghmel il-kap tad- dipartiment.*

*(b) L-Artikolu 59 tal-Kap. 406 – it-titolu ezekuttiv hu l-avviz li jinhareg mill-intimat li jkun juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva.*

*Hu evidenti li f'dan il-kaz il-procedura kontemplata fl- Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 ma tapplikax. Il-qorti tkompli tosserva kif fl-Artikolu 59 tal-Kap. 406 m'hemmx provvediment li jaghmel l-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 applikabbli ghal finijiet ta' kontestazzjoni ta' titolu ezekuttiv li jitnissel b'applikazzjoni tal-Artikolu 59.*

*Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jinvokaw l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 sabiex jipprovaw ihassru l-effetti tal-ittra ufficjali prezentata fit-18 ta' Jannar 2013. F'dan il-kuntest issir riferenza ghad-decizjoni Farrell vs Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud tat-30 ta' Settembru 2010, fejn din il-qorti qalet:*

*".... Ir-rikorrent iddikjara li kien qed iressaq din il-kawza halli jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut mil-Kummissarju intimat fil-konfront tieghu.*

*Ghalkemm ir-rikorrent ma ccitax id-disposizzjoni tal-ligi li fuqha kien qieghed isostni l-istanza tieghu, din il-Qorti tifhem li ried jagixxi skond l-Art. 466 tal-Kap. 12.*

*Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, din il-Qorti tghid li r-rikorrent ma jistax isib sostenn minnha ghal dawn ir- ragunijiet –*

*1) Sabiex jesigi l-hlasijiet li kien qed jippretendi bhala dovuti mir-rikorrent, il-Kummissarju dwar il-Valur Mizjud ma addotax fil-kaz tal-lum il-procedura kontemplata bl-Art. 466.*

*2) L-ittri ufficjali fol. 5 u 6 ma jaghmlux riferenza ghal xi dikjrazzjoni mahlufa kif previst mis-subinciz (1) ta' dak l- artikolu. Omissis*

*L-intimat ghamel il-posizzjoni tieghu cara kemm fl-ittri ufficjali fuq riferiti kif ukoll fir-risposta ghall-azzjoni tar- rikorrent li kien qieghed jagixxi bis-sahha tal-Art. 50 tal- Kap. 406.*

*Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, jirrizulta bl-aktar mod car li filwaqt li jirrikonoxxi li kontrih kien ottenut titolu ezekuttiv, il-procedura tal-lum tentata minnu ma tistax izzomm l-effetti tal-istess Art. 59.".*

*Din il-qorti taqbel perfettament mal-analizi legali li saret fil-kaz fuq imsemmi.*

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb.

L-Art. 466 tal-Kap. 12 jipprovdi sabiex ikun prezentat rikors "semplici mhux guramentat" sabiex jigi mpunjat titolu ezekuttiv.

Hemm pero` differenza ta` sostanza bejn l-Art. 466 tal-Kap. 12 u l-Art. 59 tal-Kap. 406.

Bl-Art. 466 tal-Kap. 12, l-att gudizzjarju jsir titolu ezekuttiv kemm il-darba d-debitur wara li jigi notifikat b'dan l-att ma jopponix t-talba permezz ta' rikors pprezentat fi zmien ghoxrin gurnata minn notifika.

Bl-Art. 59 tal-Kap. 406 mhux rikjesti z-zewg rekwiziti.

L-att gudizzjarju li jigi pprezentat skont l-Art. 59 huwa titolu ezekuttiv *di sua natura* ghaliex malli l-Kummissarju johrog avviz li juri l-ammont ta' taxxa dovuta, dan "*ghandu jkun xhieda bizzejjed*" u "*ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv*."

Jirrizulta li r-rikorrent pro et noe pprezenta rikors mhux guramentat sabiex jirribatti t-titolu ezekuttiv li nkiseb mill-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Art. 59 tal-Kap. 406.

**Ghalhekk jekk ir-rikorrent ried jattakka t-titolu ezekuttiv tal-Kummissarju tat-Taxxi huwa kellu jaghmel dan billi jipprezenta rikors guramentat u mhux rikors semplici.**

**Anke ghalhekk ir-rikors odjern jikkozza mal-Art 789(1)(e) tal-Kap 12.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi.**

**Ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Qeghda tichad it-talba tar-rikorrent pro et noe.**

**Qeghda tordna lir-rikorrent pro et noe sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**